



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12129/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0224 (NLE)

JAI 1063
FRONT 252
VISA 162
SIRIS 70

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Fruntieri Esterni u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, għall-perjodu 2021 sa 2027
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,

ta' Ftehim bejn

l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja

dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-Istrument

għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Fruntieri Esterni u l-Politika dwar il-Viżi,

bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna,

għall-perjodu 2021 sa 2027

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2) flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati¹ mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-arranġamenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' dawk il-pajjiżi u r-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi għall-perjodu 2021 sa 2027, inklużi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-setgħat ta' awditjar tal-Qorti tal-Awdituri, li għandhom jiġu konklużi skont ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². In-negozjati mar-Renju tan-Norveġja ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fl-14 ta' Frar 2023.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/442 tal-21 ta' Frar 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠU U L 90, 18.3.2022, p.116).

² Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/...¹⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplimentari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politka dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu 2021 sa 2027 (“il-Ftehim”) ġie ffirmat fi ...⁺⁺, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (3) Skont l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova l-modifiki għall-Ftehim li huma meħtieġa bil-ħsieb li jiġu aġġustati r-referenzi għar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (ir-“Regolament Finanzjarju”) kull meta dak ir-Regolament jiġi aġġornat.
- (4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/... ta'... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politka dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu 2021 sa 2027 (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 12127/23 fit-test u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-firma tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 12128/23.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193 30.7.2018, p. 1).

- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieġu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹. Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieġu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ir-regoli supplimentari b'rabta mal-Istrument għal Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu 2021 sa 2027 ('il-Ftehim')¹⁺ huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 13(1) tal-Ftehim².

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-paragrafu 2, il-punt (b) tal-Ftehim, il-modifiki tal-Artikolu 2, il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tal-Ftehim biex titqies kwalunkwe emenda, tħassir, sostituzzjoni, jew riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU].

⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 12128/23.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
